# Skema ta' Appoġġ għall-Arti

**Sejħa Tematika:**

# Dritt għall-Kultura

**Il-Linji Gwida u r-Regolamenti tal-2025**

ARTS COUNCIL MALTA

MAĦRUĠA: LULJU 2025

ARTS COUNCIL MALTA

## L-ALLOKAZZJONIJIET

| IL-BAĠIT GĦAS-SESSJONI | L-AMMONT MASSIMU ELIĠIBBLI GĦAL KULL PROĠETT |
|---|---|
| EUR 200,000 | EUR 30,000 |

| IL-KOFINANZJAMENT | L-IŻBORŻ |
|---|---|
| L-iskema tista’ tkopri sa 80% tal-ispejjeż totali tal-proġett | 70% mal-iffirmar tal-ftehim tal-għotja<br>30% wara l-approvazzjoni tar-rapport finali |

## L-ISKEDA TAŻ-ŻMIEN

| L-ISKADENZA | IR-RIŻULTATI | L-ISKEDA TA’ ŻMIEN ELIĠIBBLI |
|---|---|---|
| id-9 ta’ Settembru 2025 | It-28 ta’ Ottubru 2025 | Bejn id-29 ta’ Ottubru 2025 u d-29 ta’ April 2027 |

# 1. Introduzzjoni

Din is-sejħa għal proġetti taħt l-Iskema ta’ Appoġġ għall-Arti għandha l-għan li tappoġġja inizjattivi – minn *artisti*, *prattikanti kulturali u kreattivi* u *komunitajiet* – li l-objettiv tagħhom huwa l-promozzjoni u t-twettiq ta’:

**Drittijiet Kulturali**

**Id-drittijiet kulturali huma d-drittijiet ta’ kulħadd li jaċċessa, jipparteċipa u jgawdi l-kultura, il-wirt kulturali u l-espressjonijiet kulturali**

**Għal aktar tagħrif dwar id-drittijiet kulturali u l-prattiċi tajbin, u għal pariri u għodod utli, tista’ tirreferi għall-manwal *Dritt għall-Kultura* | *Right to Culture,* ippubblikat mill-Kunsill Malti għall-Arti.**

Dritt għall-Kultura huwa disponibbli f’verżjoni stampata u onlajn, bla ħlas, kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż, hawnhekk, u wkoll fil-format ta’ *audiobook*, kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż, hawnhekk.

Proposti mressqa taħt din is-sejħa huma mistennija jindirizzaw primarjament benessri olistiku aħjar.

Id-dritt għall-kultura huwa l-pedament tal-Istrateġija 2025 tal-Kunsill Malti għall-Arti, miġbura fil-mantra “Isma’. Oħloq. Imraħ.” Il-kampanja ta’ sensitizzazzjoni tad-Dritt għall-Kultura tal-Kunsill Malti għall-Arti hija inizjattiva bil-għan li tgħin lin-nies:

- Jimpenjaw ruħhom permezz tal-kultura u l-arti
- Jesploraw narrattivi diversi
- Jilħqu l-potenzjal kreattiv tagħhom

L-Iskema ta’ Appoġġ għall-Arti tifforma parti mill-portafoll ta’ appoġġ tal-Kunsill Malti għall-Arti, li jinvesti fil-*mainstreaming* tad-dritt ta’ kulħadd li **jaċċessa**, **jipparteċipa** u jgawdi l-kultura, il-wirt kulturali u l-espressjoni kulturali, filwaqt li jirrikonoxxi l-kultura bħala spazju għall-espressjoni u l-kreattività, kif ukoll bħala mutur tal-inklużjoni, l-ekwità u l-benesseri.

**Il-benesseri**

**Din is-sejħa tematika tenfasizza b’mod partikolari fuq id-drittijiet kulturali u l-kontribut tal-arti u l-kultura għall-benesseri olistiku.**

**Għall-finijiet ta’ din is-sejħa, *il-benesseri* huwa mifhum bħala kunċett multidimensjonali li jinkludi s-saħħa fiżika, mentali, emozzjonali, soċjali, kulturali u ambjentali. Jirrifletti fuq li l-individwu u l-komunitajiet ikunu jistgħu jgħixu b’dinjità, jinvolvu ruħhom b’mod sinifikanti ma’ oħrajn, jaċċessaw opportunitajiet għat-tkabbir, u jipparteċipaw bis-sħiħ fis-soċjetà – inkluż permezz tal-espressjoni u l-esperjenza kulturali.**

**Il-promozzjoni tad-dritt għall-kultura bħala pilastru tal-benesseri olistiku tfisser li jiġi żgurat li n-nies kollha, irrispettivament mill-isfond, l-identità, jew iċ-ċirkostanza, ikollhom aċċess ekwu biex joħolqu, jinvolvu ruħhom u jikkontribwixxu għall-kultura u l-arti. Dan jivolvi t-tneħħija tal-ostakli strutturali, l-amplifikazzjoni tal-vuċijiet sottorappreżentati, u t-trawwim ta’ ekosistemi kulturali inklużivi u parteċipattivi.**

**Permezz ta’ din is-sejħa, il-KMA qed ifittex li jappoġġja inizjattivi li jużaw il-qawwa tal-kultura u l-arti bħala mezz biex jagħtu s-setgħa lill-komunitajiet, irawmu s-sens ta’ appartenenza, u jsaħħu l-qawwa tal-kultura fil-bini ta’ komunitajiet ġusti, inklużivi u li qed jirnexxu.**

**Objettivi:**

- **L-appoġġjar ta’ prattiki li jtejbu l-aċċess għall-kultura u l-impenn artistiku għal individwi u komunitajiet f’riskju ta’ esklużjoni jew marġinalizzazzjoni;**
- **L-inkoraġġiment ta’ prattiki li jorbtu l-parteċipazzjoni kulturali ma’ riżultati mtejba ta’ benesseri fis-saħħa, l-edukazzjoni, u l-koeżjoni tal-komunità;**
- **Il-promzzjoni tad-drittijiet kulturali u d-diversità permezz tal-espressjoni artistika, il-kultura, u d-djalogu;**
- **Il-possibbiltà għal approċċi kollaborattivi u trans-settorjali li jgħaqqdu l-għanijiet ta’ żvilupp kulturali u soċjali;**
- **It-tisħiħ tar-rwol tal-arti u l-kultura fil-ħajja pubblika, b’mod partikolari f’kuntesti ta’ kura, saħħa mentali, u reżiljenza soċjali.**

Il-mekkaniżmu ta’ appoġġ jippermetti individwi, gruppi u organizzazzjonijiet biex jippjanaw, jiżviluppaw, jiġu rrappreżentati, u jwettqu proġetti artistiċi skont l-Istrateġija 2025 tal-Kunsill, li primarjament tindirizza lill-komunitajiet u l-professjonisti kreattivi.

Dan il-mekkaniżmu ta’ appoġġ iħaddem l-Istrateġija 2025 billi jfittex b’mod attiv li:

- Irawwem il-potenzjal kreattiv u jappoġġa l-iżvilupp tiegħu, jinkoraġġixxi l-kokreazzjoni, il-kollaborazzjoni u l-esperimentazzjoni;
- Jinvesti f’eċċellenza artistika permezz ta’ inkoraġġiment ta’ teħid ta’ riskju kreattiv, esperimentazzjoni, u involviment attiv tal-komunitajiet waqt li jappoġġa proġetti ta’ kwalità kif ukoll jidentifika t-talent u jinkoraġġixxi l-iżvilupp tiegħu;
- Jiddokumenta u jesplora l-komunitajiet artistiċi u kulturali tal-passat u tal-preżent, kif ukoll il-legat kulturali u artistiku ta’ Malta;
- Jippromwovi u jappoġġa d-diversità, l-inklussività, u l-iżvilupp tal-komunità billi jagħmel possibbli proġetti artistiċi kollaborattivi, l-iżvilupp tal-għarfien, u d-disseminazzjoni tal-prattiki tajba;
- Jipprovdi lil gruppi żvantaġġjati b’aċċessibbiltà għal firxa wiesgħa ta’ esperjenzi artistiċi u kulturali u opportunitajiet għal involviment sinifikanti fil-kultura u fl-arti;
- Jiffaċilita l-ħolqien ta’ pjattaformi għal talent żagħżugħ li jipprometti, involviment interġenerazzjonali, kif ukoll involviment interkulturali.

Dan il-mekkaniżmu ta’ appoġġ, f’konformità mal-impenn ġenerali tal-Kunsill Malti għall-Arti għad-drittijiet kulturali, jirrikonoxxi r-rwol ċentrali tal-artisti u professjonisti kulturali u kreattivi fil-ħolqien u l-produzzjoni ta’ espressjonijiet artistiċi u kulturali diversi.

L-Iskema ta’ Appoġġ għall-Arti tappoġġa lill-artisti, il-professjonisti kulturali u kreattivi, u lill-komunitajiet biex:

- Jieħdu riskji kreattivi biex jiskopru opportunitajiet ġodda, jiżviluppaw l-għarfien tagħhom, u jiżviluppaw xogħol ġdid permezz ta’ sperimentazzjoni u kollaborazzjoni;
- Iwettqu proġetti ta’ riċerka esplorattivi li jippermettulhom jittestjaw xogħol ġdid, jinvolvu, ikunu rrappreżentati kif xieraq, jikkollaboraw, u jiżviluppaw aktar l-ideat tagħhom.

L-applikazzjonijiet imressqa jistgħu:

- Jagħmlu parti minn proġett/korp ta’ xogħol usa’;
- Ikunu proġetti awtonomi;
- Jikkonsistu f’serje ta’ proġetti fi ħdan programm ta’ attivitajiet.

Dan il-mekkaniżmu ta' appoġġ jikkonsisti f'żewġ oqsma ta' fokus ewlenin, kull wieħed maqsum fi tliet tipi ta' attivitajiet. L-applikanti jistgħu jagħżlu li jiffokaw f'qasam wieħed jew aktar minn dawn jew f'tipi ta' attivitajiet fi ħdan il-proġetti tagħhom:

1. Prattika artistika u/jew riċerka, jiġifieri:
   - Proġetti artistiċi – inklużi l-produzzjoni u l-ipprogrammar ta' xogħol kreattiv ta' kwalità għolja – li jwessgħu l-fruntieri tal-involviment ta' esperjenzi kreattivi għall-artisti, il-professjonisti kulturali u kreattivi, is-setturi relevanti u l-komunitajiet;
   - Produzzjoni u/jew riċerka li jirrelataw mal-komunitajiet artistiċi ta' Malta, imfassla biex jiddokumentaw il-legat kulturali u artistiku ta' Malta b'mod miftuħ u sostenibbli.

2. Involviment tal-komunità u l-udjenza, jiġifieri:
   - Produzzjoni artistika u/jew programmar li tagħmel possibbli u tippromwovi l-parteċipazzjoni kulturali, l-espressjoni kreattiva, u/jew l-għarfien u l-apprezzament relatati mal-memorja kollettiva, u l-legat kulturali u artistiku tal-komunità;
   - Esplorazzjoni ta' approċċi innovattivi u parteċipattivi għall-involviment tal-udjenza li jwasslu biex japprofondixxu l-involviment ma' udjenzi eżistenti u ġodda permezz ta' prattika u/jew riċerka artistika;
   - Esplorazzjoni ta' modi biex itejbu l-aċċess għall-arti u biex jippromwovu parteċipazzjoni inklussiva u diversità akbar fi ħdan l-arti.

Dan il-mekkaniżmu jipprovdi appoġġ lill-artisti, il-professjonisti kulturali u kreattivi, u l-komunitajiet matul il-fażijiet ta' żvilupp u twettiq ta' proġett, u jkopri ż-żmien u r-riżorsi meħtieġa għall-professjonisti kreattivi u l-kollaboraturi tagħhom biex jiżviluppaw il-proġetti tagħhom.

F'konformità mal-impenn tiegħu li jappoġġja l-arti permezz tal-approċċ sostenibbli u responsabbli tiegħu għall-investiment pubbliku.

L-applikanti huma mħeġġa jikkunsidraw, kif xieraq, il-prinċipji spjegati fid-Dritt għall-Kultura – Pakkett ta' Riżorsi meta jiżviluppaw il-proposta tagħhom b'rabta ma' kif jimpenjaw ruħhom mal-komunitajiet u l-konsiderazzjonijiet tad-drittijiet kulturali ta' kulħadd fix-xogħol tagħhom. Dan il-pakkett ta' riżorsi għandu l-għan li jżid l-għarfien dwar l-inklussività u jappoġġja l-implimentazzjoni tad-drittijiet kulturali fil-prattika tagħna ta' kuljum.

L-applikanti huma wkoll mistennija li jikkunsidraw, kif xieraq, il-prinċipji ewlenin deskritti fil-qosor fil-Karta għall-Istatus tal-Artist meta jipproponu l-attivitajiet operattivi u ta' programmazzjoni tagħhom biex jiżguraw kundizzjonijiet tax-xogħol aċċettabbli u ġusti għall-artisti. Dawn jinkludu d-dritt għal-libertà artistika, l-aċċessibbiltà mtejba, ir-rikonoxximent ta' ħiliet formali/informali/non-formali, kundizzjonijiet soċjo-ekonomiċi deċenti, non-diskriminazzjoni u ekwità, konsiderazzjonijiet etiċi u aderenza mad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-liġi internazzjonali tax-xogħol. Il-Karta għall-Istatus tal-Artist hija maħsuba biex tipprovdi qafas dinamiku ta' referenza għal kwalunkwe leġiżlazzjoni, politika, jew inizjattiva li jkollha impatt dirett jew indirett fuq l-artisti u s-setturi kulturali u kreattivi, u tiżgura li kwalunkwe azzjoni tkun allinjata mal-viżjoni aħħarija fit-tul li tgħolli l-istatus tal-artisti f'Malta f'konformità mal-valur tanġibbli tagħhom għas-soċjetà.

# 2. Id-definizzjonijiet

Attivitajiet li huma fi ħdan is-settur kulturali u kreattiv:

1. Arti (letteratura, arti viżiva, mużika, arti performattiva, interdixxiplinari);
2. Servizzi ta’ negozju kreattiv (disinn, arkitettura, turiżmu kulturali u servizzi kulturali);
3. Patrimonju (artiġjanat, festivals u ċelebrazzjonijiet tradizzjonali, siti kulturali, antikitajiet);
4. Midja (materjal ippubblikat u stampat, awdjoviżivi, li jinkludu produzzjoni ta’ film u vidjow, servizz ta’ film, televixin, video games, radju, midja online).

## Applikant

- Applikant jista’ jkun **individwu**, **grupp** jew **organizzazzjoni**. L-applikanti ma jistgħux ikunu impjegati mal-Kunsill Malti għall-Arti jew involuti fil-ġestjoni tal-*Iskema ta’ Appoġġ għall-Arti – Dritt għall-Kultura*.

## Applikazzjoni

- Applikazzjoni hija sottomissjoni, inklużi d-dokumenti obbligatorji kollha u kwalunkwe anness għall-formula tal-applikazzjoni mressqa minn applikant eliġibbli.
-

## Assessur

- Il-Kunsill Malti għall-Arti jaħtar assessur għal kull sejħa taħt l-iskema. L-assessur appuntat jista’ jkun professjonist fis-settur tal-kultura u l-arti.

## Awtosostenibbiltà

- Din tirreferi direttament għal dawk il-proġetti li fit-terminu qasir jew twil, jistgħu jippruvaw li huma finanzjarjament sostenibbli, jiġifieri li jitwettqu mingħajr il-bżonn ta’ investiment pubbliku. Sostenibbiltà finanzjarja tal-proġett tista’ tkun ir-riżultat ta’ kontribuzzjoni, parteċipazzjoni jew investiment ta’ partijiet terzi fil-prodotti jew is-servizzi offruti mill-applikant(i) fi ħdan il-proġett propost.

## Benefiċjarju

- Il-benefiċjarju huwa r-riċevitur tal-għotja. Il-benefiċjarju huwa responsabbli mit-twettiq tal-proposta appoġġjata mill-Iskema. Il-benefiċjarju tal-għotja ma jistax jinbidel tul il-proġett iffinanzjat u sakemm jinħareġ l-iżborż finali. L-iżborż tal-għotja jista’ jinħareġ biss f’isem il-benefiċjarju. Il-benefiċjarju huwa responsabbli li jiżgura li kwalunkwe fattura tal-VAT tinħareġ f’isem il-benefiċjarju u tinkludi l-informazzjoni tal-VAT tal-benefiċjarju. F’każ li l-benefiċjarju ma jwettaqx attività ekonomika u għaldaqstant m’huwiex irreġistrat għal-VAT il-benefiċjarju għandu l-obbligu li jaċċerta ruħu li ser jingħata irċevuta fiskali għas-servizz jew xogħol li qed jingħata.

## Bord tal-Evalwazzjoni

- Il-Kunsill Malti għall-Arti jaħtar Bord tal-Evalwazzjoni għal kull sejħa tal-Iskema. Il-bord maħtur jista’ jkun magħmul minn professjonisti lokali jew barranin fis-settur tal-kultura u l-arti.

## Diversità

- Differenzi individwali f’termini ta’ età, ġeneru, orjentazzjoni sesswali, abbiltà, etniċità, kultura, twemmin, sfond lingwistiku u soċjoekonomiku fil-komunitajiet, il-kreattivi, u l-udjenzi.

## Dokumentazzjoni obbligatorja

- Id-dokument(i) meħtieġ(a) kollha li jappoġġaw il-proposta tiegħek u jgħinu l-evalwazzjoni tal-proġett tiegħek (eż. rekords preċedenti, portafolli, CVs artistiċi, korrispondenza uffiċjali li tikkonferma l-kiri ta’ spazju, permessi jew oħrajn).

## Drittijiet Kulturali

- Id-dritt ta’ kull individwu li jaċċessa, jipparteċipa u jgawdi l-kultura, il-wirt kulturali u l-espressjoni kulturali.

## Eliġibbiltà

- Qabelxejn isir skrinjar tal-applikazzjonijiet fir-rigward tal-eliġibbiltà teknika u artistika mill-amministraturi u l-ġesturi tal-iskema. Il-proposti li ma jinstabux eliġibbli ma jibqgħux jiġu pproċessati jew evalwati.

## Entitajiet irreġistrati

- Entità legalment stabbilita u rreġistrata f’Malta. Dawn l-entitajiet iridu jkunu rreġistrati mar-Reġistru Malti tan-Negozji, f’konformità mar-rekwiżiti tal-Att dwar il-Kumpaniji f’każ ta’ kumpanija jew sħubija, u f’konformità mal-Kodiċi Ċivili f’każ ta’ fondazzjoni u organizzazzjoni/assoċjazzjoni.

## Evalwazzjoni

- L-applikazzjonijiet meqjusa konformi u eliġibbli jiġu evalwati mill-evalwaturi maħtura skont il-kriterji stabbiliti f’dawn il-linji gwida.

## Finanzjament massimu

- Hemm limitu massimu ta’ €30,000 għal kull proġett. L-ammont mogħti jiġi deċiż każ b’każ skont il-proġett.

## Ġestjoni u amministrazzjoni

- Il-Kunsill Malti għall-Arti huwa responsabbli mill-implimentazzjoni u mill-ġestjoni ta’ dan il-mekkaniżmu ta’ appoġġ. Il-korrispondenza uffiċjali kollha, inkluża s-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet, għandha tintbagħat lill-indirizz indikat f’dawn il-linji gwida.

## Grupp

- Għadd ta’ persuni b’personalità ġuridika jew mingħajrha jistgħu jifformaw grupp. Waħda mill-persuni involuti trid tieħu r-rwol tat-tmexxija u jkollha r-responsabbiltà legali prinċipali mill-ġestjoni tal-proġett u tal-għotja. Din il-persuna għandha tkun ċittadina Maltija jew ikollha permess ta’ residenza f’Malta jew ċertifikat ta’ ċittadinanza Maltija jew passaport Malti.

## Impriża

- Impriża hija definita bħala entità involuta f’attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE (jiġifieri kwalunkwe attività li tikkonsisti fil-forniment ta’ oġġetti u servizzi f’suq), irrispettivament mill-istatus legali tagħha u mill-mod li tiġi ffinanzjata bih. Il-klassifikazzjoni ta’ entità partikulari bħala impriża tiddependi għalkollox min-natura tal-attivitajiet tagħha. L-applikazzjoni tar-regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat ma tiddependix minn jekk l-entità tkunx ġiet stabbilita biex tiġġenera l-profitti. L-entitajiet mingħajr skop ta’ qligħ jistgħu wkoll ifornu oġġetti u servizzi fis-suq. Meta dan ma jkunx il-każ, l-entitajiet mingħajr skop ta’ qligħ jibqgħu ’l barra mill-ambitu tal-Għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, il-klassifikazzjoni ta’ entità bħala impriża tibqa’ dejjem relattiva għal attività speċifika. Entità li twettaq kemm attivitajiet ekonomiċi kif ukoll mhux ekonomiċi għandha titqies bħala impriża biss fir-rigward tal-ewwel.

## Impriża waħda

- Din tinkludi l-impriżi kollha li jkollhom bejniethom mill-inqas waħda minn dawn ir-relazzjonijiet:
  a. Impriża waħda bil-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'intrapriża oħra;
  b. Impriża waħda bid-dritt li taħtar jew tneħħi maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju ta' impriża oħra;
  c. Impriża waħda bid-dritt li teżerċita influwenza dominanti fuq impriża oħra skont kuntratt magħmul ma' dik l-intrapriża jew skont dispożizzjoni fil-memorandum jew fl-istatut ta' assoċjazzjoni tagħha;
  d. Impriża waħda, li tkun azzjonista jew membru ta' impriża oħra, li tikkontrolla waħedha – skont ftehim ma' azzjonisti jew membri oħra ta' dik l-impriża – il-maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-membri f'dik l-impriża.

  L-intrapriżi li jkolhom xi waħda mir-relazzjonijiet imsemmija fil-punti (a) sa (d) hawn fuq permezz ta' impriża waħda jew aktar għandhom jitqiesu bħala impriża waħda.

## Individwu

- L-individwi li japplikaw għall-għotja jridu jkunu ċittadini Maltin jew ikollhom permess ta' residenza f'Malta jew ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija jew passaport Malti.

## Innovazzjoni

- Għall-għan tal-Iskema ta' Appoġġ għall-Arti, innovazzjoni hija l-iżvilupp ta' ideat, prodotti, jew metodi ġodda fejn ma kinux intużaw qabel.
  - Innovazzjoni ta' prodott hija l-introduzzjoni ta' attività ġdida jew waħda mtejjba b'mod sinifikanti;
  - Innovazzjoni ta' proċess hija t-twettiq ta' proċess ta' produzzjoni jew ta' metodu ta' distribuzzjoni jew ta' attività ta' appoġġ ġodda jew imtejjba b'mod sinifikanti.

## Komunità

- Grupp ta' persuni li jikkondividu valuri, drawwiet, identitajiet jew prattiċi.

## Koperattivi

- Il-koperattivi jridu jkunu rreġistrati mal-Bord tal-Koperattivi. Għal aktar informazzjoni żur maltacooperativefederation.coop/coops/bord-tal-koperattivi.

## Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi:

- L-entitajiet kulturali pubbliċi li jaqgħu taħt il-mandat tal-Kunsill Malti għall-Arti huma Teatru Manoel, Dar il-Mediterran għall-Konferenzi, l-Orkestra Filarmonika Nazzjonali, Fondazzjoni Kreattività, Pjazza Teatru Rjal, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, Malta International Contemporary Arts Space, Festivals Malta u Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva.

## Organizzazzjoni volontarja

- Organizzazzjoni li tkun stabbilita legalment u/jew irreġistrata pubblikament f'Malta u jkollha statut. L-organizzazzjonijiet volontarji għandhom ikunu iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji f'konformità mar-rekwiżiti tal-Att dwar l-Organizzazzjonijiet Volontarji (http://www.maltacvs.org). L-applikant għandu jkun rappreżentant awtorizzat legalment tal-organizzazzjoni.

## Professjonisti kreattivi

- L-individwi artistiċi u kreattivi kollha li huma attivi b'mod professjonali fis-setturi kulturali u kreattivi.

- L-għotja tingħata hekk kif indikat f'paġna 2 ta' dawn il-Linji Gwida u Regolamenti. Il-ħlas isir permezz ta' ċekk maħruġ f'isem l-applikant. Kull applikant li jressaq applikazzjoni jeħtieġ ikollu kont bankarju validu.

# 3. L-eliġibbiltà

L-ewwel nett, il-proġetti jiġu skrinjati f'termini ta' eliġibbiltà. Proposti ineliġibbli f'termini tal-punti msemmija hawn taħt ma jiġux ipproċessati aktar u ma jiġux evalwati.

**L-iskeda ta' żmien massimu biex twettaq il-proġett**: 18-il xahar.

## 3.1 Min jista' japplika?

L-iskema tappoġġa proposti li għandhom l-għan li jixprunaw l-iżvilupp artistiku, it-trawwim ta' sperimentazzjoni u innovazzjoni, l-iżvilupp ta' udjenzi kif ukoll l-attrazzjoni ta' udjenzi ġodda, waqt li jinħolqu esperjenzi bbażati fuq il-prinċipji ta' eċċellenza. Dan il-mekkaniżmu ta' appoġġ jinkoraġġixxi wkoll proġetti bbażati fil-komunità.

L-iskema għandha żewġ għażliet – għażla ta' għajnuna mill-Istat (*State aid*) u għażla mingħajr għajnuna mill-Istat (*non-State aid*). L-għażla ta' għajnuna mill-Istat hija disponibbli għal impriżi li jwettqu attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE (li għalihom l-għajnuna tingħata skont ir-Regolament *de minimis*). L-għażla mingħajr għajnuna mill-Istat hija disponibbli għal dawk l-applikanti li ma jwettqux attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE, kif ukoll għal proġetti proposti li ma jinvolvux attività ekonomika bħal din. (Għal aktar informazzjoni rreferi għat-Taqsima 9 ta' dawn il-linji gwida).

Barra minn hekk, l-applikanti jridu jikkwalifikaw bħala wieħed jew waħda minn dawn:

- Entitajiet irreġistrati mar-Reġistru dwar in-Negozju ta' Malta (inklużkumpaniji, sħubiji, fondazzjonijiet u organizzazzjonijiet/assoċjazzjonijiet);
- Gruppi, kollettivi u konsorzji;
- Koperattivi rreġistrati;
- Organizzazzjonijiet volontarji iskritti mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji;
- Professjonisti kreattivi/artisti individwali.

## 3.2 Min ma jistax japplika?

Dawn li ġejjin mhumiex eliġibbli biex japplikaw għall-Iskema ta' Appoġġ għall-Arti – Dritt għall-Kultura:

- Applikanti li l-profil tagħhom ma jiġix ivverifikat minħabba li ma jkunx komplut għax ma jinkludix dawn id-dokumenti obbligatorji:
  - kopja tal-karta tal-identità Maltija (quddiem u wara) jew il-permess ta' residenza f'Malta jew iċ-ċertifikat ta' ċittadinanza Maltija jew il-passaport Malti;
  - statut iffirmat fil-każ ta' organizzazzjoni volontarja.
- Applikanti li ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' applikant għal din l-iskema partikolari;
- Applikanti/organizzazzjonijiet li jirċievu fondi pubbliċi permezz ta' voti stabbilti mill-Gvern;

- Benefiċjarji li ma ressqux jew li ma kkonkludewx saż-żmien stipulat minn tal-inqas rapport finali wieħed b’rabta ma’ għotja passata u ffinanzjata mill-Kunsill Malti għall-Arti;
- Benefiċjarji li m’onorawx impenji preċedenti ta’ finanzjament;
- Fil-każ tal-entitajiet irreġistrati, entitajiet li ma ppreżentawx id-dokumentazzjoni annwali meħtieġa lir-Reġistru dwar in-Negozju ta’ Malta;
- Fil-każ ta’ organizzazzjonijiet volontarji, organizzazzjonijiet volontarji li:
  - mhumiex irreġistrati mal-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji;
  - ma ppreżentawx il-kontijiet aġġornati tagħhom lill-Kummissarju għall-Organizzazzjonijiet Volontarji;
  - m’għandhomx indirizz irreġistrat fil-Gżejjer Maltin.
- Fil-każ tat-tieni sejħa, benefiċjarji li ngħataw il-fondi mill-ewwel sejħa tal-iskema.

## 3.3 Liema spejjeż jistgħu jiġu koperti?

Din l-għotja tista’ tkopri sa 80% tal-ispejjeż li ġejjin (sa massimu ta’ €30,000 għal kull proġett, skont liema ammont ikun l-aktar baxx). L-20% li jifdal mill-ispiża totali tal-proġett ma jistgħux jiġu koperti minn programmi ta’ finanzjament oħrajn immexxija mill-Kunsill Malti għall-Arti.

L-ispejjeż eliġibbli huma:

- Abbonamenti għal pjattaformi virtwali jew servizzi diġitali oħra fejn relevanti
- Akkomodazzjoni Standard, minbarra l-akkomodazzjoni fit-tul jew parti minnha
- Assigurazzjoni
- Diġitalizzazzjoni
- Dokumentazzjoni
- Kiri ta’ spazji
- Kiri/xiri ta’ tagħmir (ix-xiri ta’ tagħmir jiġi kkunsidrat biss jekk jitqies meħtieġ għall-proġett)
- Kontinġenza, sa massimu ta’ 10% tal-ispejjeż totali
- Marketing, relazzjonijiet pubbliċi u komunikazzjoni, sa massimu ta’ 10% tal-ispejjeż totali
- Materjal stampat
- Miżuri tas-saħħa u sikurezza
- Produzzjoni
- Spejjeż indiretti, sa 5% tal-ispejjeż totali (eż. servizzi ta’: dawl, ilma, ħasil; telefown / fax / konnessjonijiet tal-internet; posta; karti, inka / cartidge, kartolerija, eċċ.)
- Tariffi artistiċi
- Tariffi oħra direttament relatati mal-implimentazzjoni tal-proġett (inkluż, fost oħrajn, spejjeż legali, mentoraġġ, fornituri ta’ servizzi, tariffi għall-parteċipazzjoni, spejjeż lingwistiċi, sottotitolar, eċċ.)
- Tariffi relatati mal-ġestjoni tal-proġetti (inkluż, fost oħrajn, amministrazzjoni, koordinazzjoni, żvilupp)
- Viża tal-ivvjaġġar
- Vjaġġar (fil-klassi ekonomika), inkluż, fost oħrajn, it-trasport pubbliku, vjaġġar bl-ajru, il-kiri ta’ karozzi/vetturi).

Għal aktar tagħrif dwar kif għandek tippreżenta l-baġit tiegħek irreferi għal-Linji Gwida Ġenerali dwar il-Baġit fuq https://artscouncilmalta.gov.mt/pages/funds-opportunities/schemes-2025/general-budget-guidelines/

## 3.4 Liema spejjeż ma jistgħux jiġu koperti?

- Spejjeż ibbaġitjati li jaqbżu l-intensità ta’ ko-finanzjament ta’ 80% tan-nefqa totali tal-proġettFinanzjament għall-ħolqien jew iż-żamma ta’ konkorsi, kompetizzjonijiet, boroż ta’ studju, premji jew scholarships
- Rimborż ta’ salarji, jew parti minnhom;
- Spejjeż diġà koperti minn baġits operazzjonali tas-soltu (spazju li huwa proprjetà tal-applikant jew is-sieħeb/organizzazzjoni li tappoġġaha/individwu);
- Spejjeż diġà koperti minn Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi, jew minn aġenzija pubblika oħra, dipartiment tal-Gvern jew Ministeru ieħor;
- Spejjeż diġà koperti minn Organizzazzjonijiet Kulturali Pubbliċi, jew minn programmi ta’ finanzjament pubbliku oħrajn ġestiti jew koġestiti mill-Kunsill Malti għall-Arti jew minn aġenzija pubblika, dipartiment tal-Gvern jew Ministeru ieħor;
- Spejjeż retrospettivi;
- VAT li tista’ tinġabar lura, fejn applikabbli;
- Sussistenza, catering u ospitalità.

## 3.5 Liema applikazzjonijiet mhumiex eliġibbli?

L-attivitajiet li ġejjin **mhumiex** eliġibbli għal dan il-Fond:

- Applikazzjonijiet għall-ħolqien jew iż-żamma ta’ konkorsi, kompetizzjonijiet, boroż ta’ studju, premji jew scholarships
- Applikazzjonijiet għal proġetti li ma jindirizzawx primarjament id-drittijiet kulturali u l-kontribut tal-arti u l-kultural għall-*benesseri olistiku*;
- Applikazzjonijiet imressqa minn entitajiet pubbliċi b’line vote baġitarja jew mingħajru;
- Applikazzjonijiet imressqa wara nofsinhar (12:00) tal-jum rispettiv tad-data tal-iskadenza;
- Applikazzjonijiet mhux kompluti. Irreferi għat-Taqsima 5.1 – Lista ta’ Kontroll;
- Attivitajiet bil-għan li jinġabru fondi jew jagħmlu propaganda politika;
- Attivitajiet li mhumiex relatati mal-kultura, mal-arti, u mal-industriji kreattivi;
- Attivitajiet ta’ natura intrinsikament awtosostenibbli;
- Avvenimenti mtellgħa fuq bażi regolari, li jinkludu proġetti annwali, festivals annwali, esebizzjonijiet tal-iskola annwali, programmi ta’ taħriġ regolari;
- Inizjattivi eliġibbli taħt Festivals Malta, Annual Cultural Activities Scheme, VOPS, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, Malta Arts Scholarships jew kwalunkwe programm ieħor iffinanzjat mill-Istat b’riżq l-arti/kultura Maltija;
- Moduli individwali akkreditati bħala parti minn kors edukattiv jew minn riċerka bħala parti minn programmi akkademiċi stabbiliti;
- Proġetti b’durata li ma tidħolx eżatt fl-iskeda taż-żmien eliġibbli;
- Proġetti li ser ikunu diġà bdew jew tlestew qabel in-notifika tar-riżultat lill-applikant(i);
- Spejjeż għal attivitajiet u festeġġjamenti tradizzjonali.

Kwalunkwe attività oħra li tista’ tiġi żviluppata barra mill-ambitu tal-*Iskema ta’ Appoġġ għall-Arti* mhijiex eliġibbli għal dan l-appoġġ.

L-applikanti jistgħu jressqu aktar minn applikazzjoni waħda għall-istess sejħa. Madankollu kull sessjoni tista’ tiffinanzja applikazzjoni waħda biss.

# 4. L-evalwazzjoni

Il-Bord tal-Evalwazzjoni jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-kriterji li ġejjin:

## 4.1 Kriterju 1: Il-kunċett (100 marka)

Dan il-kriterju jirrifletti l-kunċett tal-proposta; l-għanijiet, l-objettivi u r-riżultati tal-proposta; u r-relevanza tal-kunċett.

- Jekk jogħġbok, spjega l-idea prinċipali artistika li se tiġi żviluppata permezz ta’ din l-attività proposta (L-applikanti għandhom iqisu wkoll kif il-proposta tallinja mal-prinċipji fi ħdan id-Dritt għall-Kultura – Pakkett ta’ Riżorsi u l-Karta għall-Istatus tal-Artist bħal fit-Taqsima 1 ta’ dawn il-Linji Gwida u r-Regolamenti); (20 marka)
- Kif inhi innovattiva l-attività proposta? Jekk jogħġbok, ara d-definizzjoni ta’ ‘innovazzjoni’ f’Sezzjoni 2 ta’ dawn il-Linji Gwida u r-Regolamenti; (20 marka);
- Jekk jogħġbok, iddefinixxi l-għanijiet, l-objettivi u r-riżultati mistennija mill-attività proposta; (20 marka)
- Kif inhi relevanti l-attività proposta għall-iżvilupp artistiku tiegħek u l-iżvilupp tas-setturi kulturali u kreattivi u tal-komunità b’mod ġenerali? (20 marka)
- Jekk jogħġbok, spjega kif il-proposta tirrelata mal-viżjoni u l-missjoni fit-tul tal-Kunsill Malti għall-Arti. (20 marka)

## 4.2 Kriterju 2: L-involviment tal-udjenza

Dan il-kriterju jikkunsidra l-involviment ta’ udjenzi stabbiliti u ta’ udjenzi ġodda, kif ukoll ta’ pjanijiet ta’ disseminazzjoni. ‘L-involviment’ jirreferi għar-rwol, in-natura tal-involviment, u l-esperjenza offruta lill-udjenza. ‘Disseminazzjoni’ tirreferi għall-metodi addottati mill-applikant biex ixerred ir-riżultati tal-proġett.

- Jekk jogħġbok, elabora fuq l-udjenzi prinċipali (interni u/jew esterni) ta’ din l-attività, u kif dawn l-udjenzi se jintlaħqu;
- Jekk jogħġbok, ipprovdi l-punti ewlenin tal-pjan ta’ marketing, relazzjonijiet pubbliċi u komunikazzjoni, kif applikabbli għall-attività proposta, u spjega għaliex iddeċidejt li tagħżel dawn il-metodi. ‘Il-pjan ta’ komunikazzjoni’ jinkludi wkoll disseminazzjoni interna, li tista’ ma tkunx fuq livell pubbliku.

## 4.3 Kriterju 3: Il-ġestjoni tal-proġett

Dan il-kriterju jirrifletti l-livell ta’ impenn u preparazzjoni ta’ qabel il-proposta, kif ukoll tal-pjan propost biex twettaq u tikseb l-għanijiet u l-miri tal-attività. Dan jinkludi l-kollaboratur(i) ewlieni/ewlenin fl-attività u r-rekords preċedenti tiegħu/tagħhom.

- Jekk jogħġbok, ressaq pjan għat-twettiq tal-attività proposta. (Jekk jogħġbok, inkludi pjan pass pass ta’ skedi ta’ żmien, metodoloġija, pjanijiet ta’ xogħol, irwoli u responsabiltajiet rispettivi fi ħdan il-proġett, ħiliet, rekords preċedenti, portafolli, u pjanijiet ta’ loġistika, kif applikabbli);
- Hemm xi permessi neċessarji, kwistjonijiet ta’ drittijiet legali, etiċi, u amministrattivi li jridu jiġu indirizzati?
- X’inhu l-grad ta’ flessibbiltà fl-ippjanjar, meta tqis ir-riskji u l-inċertezzi? X’miżuri ta’ mitigazzjoni qed tipprevedi fid-dawl tar-riskji identifikati? (eż. pjanijiet ta’ kontinġenza, assessjar tar-riskji, miżuri tas-saħħa u s-sikurezza, aġġustamenti possibbli li jistgħu jsiru);
- Jekk jogħġbok, spjega kif il-proposta hija relevanti u ta’ sfida għall-iżvilupp tal-ħiliet tiegħek u tal-kollaboraturi ewlenin? Jekk jogħġbok, elabora fuq ir-rekord preċedenti tal-applikant u tal-kollaboraturi.

## 4.4 Kriterju 4: Il-baġit

Dan il-kriterju jikkunsidra kemm il-pjan baġitarju ppreżentat huwa ppjanat b’mod tajjeb u realistiku.

- Jekk jogħġbok, ipprovdi tqassim ċar tal-baġit li jinkludi l-ispejjeż relatati direttament mal-produzzjoni proposta u s-sorsi ta’ dħul u investimenti. Jekk jogħġbok, spjega r-raġunament wara l-ispejjeż tal-proġett.

# 5. It-tressiq tal-applikazzjoni

Biex tapplika segwi dawn il-passi:

1. Aqra dawn il-linji gwida u regolamenti bir-reqqa;
2. Iċċekkja jekk l-idea tal-proposta tiegħek tistax tiġi ttrattata minn din l-iskema;
3. Agħfas fuq il-ħolqa li tieħdok fis-sistema tal-applikazzjoni online;
4. Jekk m’għandekx profil, oħloq il-profil tiegħek mal-Kunsill Malti għall-Arti billi tagħfas fuq ‘Irreġistra’ u imla d-dettalji;
5. Mit-taqsima tas-sejħiet miftuħa, agħżel l-applikazzjoni online tal-iskema li trid tapplika għaliha;
6. Segwi l-istruzzjonijiet pass wara pass. Imla l-informazzjoni meħtieġa kollha fl-applikazzjoni online, inkluż il-baġit, u ehmeż id-dokumentazzjoni ta’ sostenn;
7. Ibgħat l-applikazzjoni. Għandek tirċievi konferma awtomatika tal-wasla tagħha mis-sistema. Jekk ma tirċievi ebda notifika bħal din, ikkuntattjana fuq applyforfunds@artscouncil.mt.

L-applikanti huma mitluba joħolqu profil fis-CRM tal-KMA minn tal-anqas ġimgħatejn qabel id-data tal-iskadenza tas-sejħa.

Kemm-il darba jkollok xi diffikultà jew tixtieq tikkonsultana dwar dan il-fond, tista’ ċċemplilna fuq 2334 7230 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00 u l-16:00 jew tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

Hija r-responsabbiltà tiegħek li tippreżenta formula ta’ applikazzjoni kompluta kif spjegat f’dawn il-linji gwida u regolamenti. Jekk ma tippreżentax l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni meħtieġa kollha, l-applikazzjoni tiegħek ma tiġix ipproċessata u evalwata.

Il-formuli tal-applikazzjoni tiegħek mhux ser jiġu ċċekkjati minn rappreżentanti tal-Kunsill Malti għall-Arti qabel id-data tal-iskadenza tal-applikazzjoni. Il-Kunsill għandu d-diskrezzjoni esklużiva li jitlob lill-

applikanti jipprovdu kwalunkwe dokumentazzjoni obbligatorja nieqsa wara d-data tal-iskadenza tas-sejħa.

Mat-tressiq tal-applikazzjoni l-applikanti jaċċettaw li jekk l-applikazzjoni tingħata l-finanzjament mitlub, l-isem, it-titlu tal-proġett u l-ammont mogħti jistgħu jiġu ppubblikati mill-Kunsill.

Id-deċiżjoni dwar il-finanzjament tittieħed abbażi tal-kwalità tal-informazzjoni mressqa, inkluż id-dokumenti li jappoġġaw il-proposta.

L-applikazzjonijiet li jaslu wara 12.00 (nofsinhar) tad-data tal-iskadenza rispettiva ma jiġux aċċettati.

## 5.1 Il-lista ta' kontroll

Biex l-applikazzjoni tkun sħiħa, trid tkun akkumpanjata minn:

- awdjoviżivi/portafoll li juru x-xogħol tal-applikant kif relevanti għall-proposta (awdjoviżivi sa 5MB jistgħu jittellgħu direttament fuq il-formula tal-applikazzjoni. F'każ ta' fajls akbar, dawn jistgħu jiġu pprovduti permezz ta' ħolqa);
- il-bijografija/is-CV artistika tal-applikant għandha tiġi inkluża fil-profil tal-applikant;
- ittra ta' aċċettazzjoni mill-istituzzjoni, pjattaforma jew post, fejn relevanti;
- ittri ta' intenzjoni mill-kollaboraturi;
- kopja taċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni tal-VAT;
- ċertifikat ta' reputazzjoni tajba tar-reġistrazzjoni l-aktar riċenti, fejn applikabbli. Dan id-dokument jiġġedded kull sena mill-Malta Business Registry u huwa prova ta' konformità;
- ċertifikat tar-reġistrazzjoni legali tal-organizzazzjoni/kumpanija, fejn applikabbli.
- formola ta' dikjarazzjoni *de minimis*, kif applikabbli

# 6. Il-proċess tal-evalwazzjoni

Din l-iskema hija kompetittiva u tiġi evalwata minn bord ta' esperti settorjali skont kriterji stabbiliti.

Kif speċifikat hawn fuq, kriterju wieħed (1) għandu allokat total ta' 100 marka. Il-Bord tal-Evalwazzjoni se jevalwa l-proposta fuq il-mertu ta' Kriterju (1): il-kunċett, u Kriterju (2): l-involviment tal-udjenza, u se jalloka l-marki kif meħtieġ. Il-Bord tal-Evalwazzjoni se jipprovdi rispons fuq Kriterju (1): il-kunċett, u Kriterju (2): l-involviment tal-udjenza.

Biex proposta tiġi kkunsidrata għal assessjar u finanzjament, trid tikseb medja ta' 60 marka jew aktar fi Kriterju (1). Proposti li ma jiksbux il-minimu ta' 60 marka ma jibqgħux jiġu pproċessati.

Proposti li jiksbu 60 marka jiġu assessjati minn assessur estern. L-assessur se jkollu aċċess għall-informazzjoni kollha li tinsab fl-applikazzjoni u għar-rispons tal-Bord tal-Evalwazzjoni. L-assessur jipprovdi rispons fuq il-mertu ta' Kriterju (3): il-ġestjoni tal-proġett, u Kriterju (4): il-baġit. L-assessur jista' jissuġġerixxi lill-Kunsill Malti għall-Arti biex iqabbad mentor għal proġett iffinanzjat speċifiku li għandu kunċett b'saħħtu imma jeħtieġ żvilupp fi kwalunkwe aspett ieħor.

Wara l-assessjar, il-Bord tal-Evalwazzjoni jkollu aċċess għall-kontenut kollu tal-proposta u r-rispons tal-assessur. L-evalwatur jikkonferma l-marka jew jiġġustifika l-bidla fil-marka proviżorja.

Madankollu, is-sessjoni tal-evalwazzjoni u d-deċiżjonijiet ta' finanzjament jiddependu fuq il-kwalità tal-proposti mressqa u d-disponibbiltà tal-fondi. Għalhekk, kisba ta' 60 marka jew aktar ma tfissirx li l-

proposta tal-proġett tiegħek irnexxiet awtomatikament. Il-Kunsill Malti għall-Arti jista' jiddeċiedi li ma jallokax il-fondi kollha disponibbli għal sejħa partikolari jekk il-proposti mressqa ma jilħqux il-livell meħtieġ skont it-termini tal-kriterji tal-iskema.

L-applikazzjonijiet eliġibbli jiġu evalwati minn tim ta' evalwazzjoni magħżul mill-Kunsill Malti għall-Arti abbażi tal-esperjenza professjonali tagħhom. Il-Kunsill jagħżel l-evalwaturi abbażi tal-esperjenza indipendenti u professjonali tagħhom. L-evalwaturi jippreżentaw evalwazzjoni dwar proġett propost u jindikaw il-klassifikazzjonijiet relevanti mogħtija.

## 6.1 Il-komunikazzjoni tar-riżultati

Fil-jum indikat f'paġna 2 għandek tirċievi n-notifika tar-riżultat tiegħek mill-Kunsill Malti għall-Arti. Flimkien mal-ittra ta' akkumpanjament, nehmżu wkoll kopja tal-formula tal-evalwazzjoni li tindika r-raġunijiet u l-marki li wasslu għad-deċiżjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni, dejjem skont il-kriterji tal-iskema.

L-ordni tal-klassifika tal-proġetti, skont il-marki allokati mill-evalwaturi, tiġi ppubblikata online. Jiġu ppubblikati biss l-ismijiet tal-proġetti li jingħataw il-fondi. Fil-każ ta' proġetti li ma jingħatawx il-fondi jiġi ppubblikat biss in-numru ta' referenza tagħhom.

Jekk ikollok xi diffikultà rigward ir-riżultati tiegħek tista' tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt fi żmien ħamest (5) ijiem minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar il-finanzjament.

Ma tinħareġ ebda informazzjoni dwar il-proċess tal-evalwazzjoni qabel in-notifika uffiċjali tar-riżultati. Kwalunkwe forma ta' sollećitazzjoni tiskwalifika awtomatikament l-applikazzjoni.

L-informazzjoni kollha li jirċievu l-amministraturi, il-ġesturi u l-evalwaturi tal-iskema titqies kunfidenzjali, kemm waqt kif ukoll wara l-proċess tal-evalwazzjoni. Id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni u l-kunfidenzjalità tad-data għall-proġetti li jiksbu l-fondi jiġu inklużi fil-ftehim tal-għotja.

# 7. It-twettiq u l-monitoraġġ tal-proġett

Il-benefiċjarji jridu jipprovdu dokumentazzjoni sħiħa biex jappoġġaw l-applikazzjoni u l-pjan baġitarju fi żmien 30 jum minn meta jirċievu l-ittra ta' notifikazzjoni. Il-Kunsill jaċċetta sa varjazzjoni ta' 5% mill-ispejjeż totali proposti. Il-kontinġenza indikata fil-pjan baġitarju tappoġġa kwalunkwe varjazzjoni mill-ispejjeż totali proposti**. Il-Kunsill, taħt ebda ċirkustanza, mhu se jkun f'pożizzjoni li jżid l-għotja mogħtija**.

Mad-dispożizzjoni u l-approvazzjoni tad-dokumentazzjoni mandatorja msemmija hawn fuq, jiġi ffirmat kuntratt li jispeċifika l-kundizzjonijiet tal-iskema. L-għotja tista' tingħata biss wara tlestija tal-proċess imsemmi qabel fiż-żmien stabbilit.

70% tal-ammont totali allokat mill-Bord Evalwattiv jiġi pproċessat wara l-iffirmar tal-kuntratt. Il-pagament finali ta' 30% jingħata wara sottomissjoni tar-rapport finali mill-benefiċjarju, u l-approvazzjoni mill-Kunsill Malti għall-Arti.

Il-benefiċjarji għandhom jużaw il-logo uffiċjali tal-Kunsill fuq il-materjal relatat kollu u jispeċifikaw li l-proġett kien appoġġat bl-għotja kif ġej: **Dan il-proġett huwa megħjun mill-Kunsill Malti għall-Arti**. Dan għandu jsir fil-materjal kollu maħsub għall-marketing, ir-relazzjonijiet pubbliċi u l-istampa. L-għotja

mogħtija għandha tintuża esklużivament għall-għan li ngħatat għalih, f’konformità mal-proposta mressqa u l-kuntratt.

Il-benefiċjarji għandhom jinnotifikaw lill-Kunsill minnufih jekk waqt it-twettiq tal-proġett jiżvolġu bidliet li jaffettwaw lin-natura tiegħu. Ma jistgħux jiġu implimentati bidliet mingħajr ma tkun ingħatat ebda approvazzjoni. Il-Kunsill jirriżerva d-dritt li jirrevedi jew iżomm il-pagament finali jekk il-bidla fil-proġett titqies li mhux konformi mal-proposta inizjali jew jekk il-Kunsill ma jiġix infurmat bil-bidliet fi żmien raġonevoli.

Il-benefiċjarji jridu jkunu disponibbli għal żjarat u komunikazzjonijiet ma’ rappreżentanti tal-Kunsill għal finijiet ta’ monitoraġġ, kemm waqt it-twettiq tal-proġett kif ukoll wara t-tlestija.

Il-Kunsill jirriżerva wkoll id-dritt li jirrevedi l-pagament finali jekk l-infiq totali jkun inqas minn dak stmat fil-formula tal-applikazzjoni.

## 7.1 Ir-Rapport

Fl-għeluq tal-proġett, se tintalab tressaq rapport dettaljat li jenfasizza x-xogħol imwettaq, il-komponenti kollaborattivi u kokreattivi mal-kisbiet tal-proġett, sa mhux aktar tard minn sitt (6) ġimgħat mill-konklużjoni tal-proġett. Ir-rapport tiegħek għandu jinkludi riflessjonijiet fuq kif xogħol kollaborattiv tejjeb il-proġett u viċeversa, flimkien ma’ suġġerimenti fuq kif issaħħaħ/tagħti sura ġdida l-involviment mal-udjenzi u l-komunitajiet.

Il-Kunsill Malti għall-Arti se jipprovdi mudell għar-rapport tiegħek. Jekk relevanti, il-benefiċjarji għandhom iressqu kopji ta’ marketing relevanti, materjal żviluppat ta’ pubbliċità jew informazzjoni għall-proġett iffinanzjat. Il-benefiċjarji se jintalbu wkoll biex iressqu evidenza tal-proċess ta’ riċerka, li tinkludi dokumentazzjoni viżiva (minimu ta’ 5 immaġni b’reżoluzzjoni għolja jridu jitressqu), bloggs, u dokumentazzjoni oħra.

Se tintalab ukoll tippreżenta baġit finali aġġornat flimkien mad-dokumenti ta’ sostenn.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li juża mill-materjal tal-proġett imressaq.

Il-Kunsill iżomm id-dritt li jirkupra l-fondi f’każ li ma ġewx użati u/jew intużaw ħażin u/jew ma ntużawx skont il-budget imressaq.

# 8. Il-proċedura tal-ilmenti

It-tressiq ta’ lment ma jaffettwax iċ-ċans tiegħek li tirċievi appoġġ mingħand il-Kunsill Malti għall-Arti fil-futur. Kull ilment jiġi ttrattat b’mod kunfidenzjali.

## 8.1 Bażi għall-ilmenti

L-applikanti jistgħu jressqu lment rigward anomaliji u irregolaritajiet fil-proċedura waqt il-proċess tat-tressiq tal-applikazzjoni u tal-evalwazzjoni skont il-proċeduri u r-regolamenti stipulati f’dawn il-linji gwida. Ma jistgħux isiru lmenti dwar:

- il-politiki u l-proċeduri tal-Kunsill Malti għall-Arti jew tal-Gvern;
- il-merti tal-applikazzjoni f'termini tal-kriterji stipulati f'dan il-linji gwida u regolamenti;

L-applikanti biss jistgħu jressqu lmenti dwar il-proġett tagħhom.

## 8.2 It-tressiq ta' lment

L-ilmenti għandhom isiru bil-miktub u jkunu ċari kemm jista' jkun. L-ilment għandu jispeċifika l-bażi u r-raġunijiet għall-ilment, jagħti spjegazzjoni dettaljata u ġustifikazzjoni sostnuta b'dokumentazzjoni jew bi provi relevanti dwar għaliex l-ilmentatur jidhirlu li twettqu irregolaritajiet fil-proċedura/i stipulata/i f'dawn il-linji gwida u r-regolamenti jew f'regoli u regolamenti ta' governanza tajba standard li jirregolaw is-settur pubbliku. Id-deċiżjoni meħuda fi tmiem il-proċess tal-ilment tibqa' finali. L-ilmenti għandhom isiru lid-Direttur tal-Finanzjament u l-Istrateġija, il-Kunsill Malti għall-Arti, fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol minn meta tirċievi d-deċiżjoni dwar il-finanzjament. Normalment tirċievi tweġiba fi żmien għaxart (10) ijiem tax-xogħol.

Kemm-il darba ma tkunx sodisfatt bit-tweġiba, il-Kunsill jifforma bord li jiddiskuti l-ilment tiegħek f'aktar dettall. Jekk tuża l-proċedura tal-ilmenti tagħna jkun ifisser li taċċetta li nistgħu nużaw l-informazzjoni dwar il-proġett tiegħek biex nittrattaw l-ilment. Id-deċiżjoni tal-bord tkun finali.

# 9. Applikabbiltà tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat

## 9.1 Regoli dwar l-Għajnuna mill-Istat applikabbli għal impriżi li jwettqu attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE

L-iskema ta' Għajnuna mill-Istat se tiġi implimentata f'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis.*

Dan ir-Regolament japplika għal għajnuna mogħtija lill-impriżi fis-setturi kollha, ħlief għal:

a) għajnuna mogħtija lil impriżi għal attivitajiet fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura, kif koperti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000;
b) għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fil-produzzjoni primarja ta' prodotti agrikoli;
ċ) għajnuna mogħtija lil impriżi attivi fis-settur tal-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agrikoli, fil-każijiet li ġejjin:
    i. meta l-ammont tal-għajnuna jkun stabbilit fuq il-bażi tal-prezz jew kwantità ta' prodotti ta' dak it-tip mixtrija minn produtturi primarji jew imqiegħda fis-suq mill-impriżi kkonċernati;
    ii. meta l-għajnuna tkun bil-kundizzjoni li parti minnha jew kollha kemm hi tingħata lill-produtturi primarji;

d) għajnuna lill-attivitajiet relatati mal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi jew Stati Membri, l-aktar għajnuna marbuta direttament ma’ kwantitajiet esportati, mat-twaqqif u l-operazzjoni ta’ netwerk ta’ distribuzzjoni jew ma’ nefqa oħra kurrenti marbuta mal-attività tal-esportazzjoni;
e) għajnuna li tiddependi mill-użu ta’ prodotti domestiċi bi preferenza fuq prodotti importati.

L-ammont totali tal-għajnuna *de minimis* mogħtija lil impriża waħda m’għandux jaqbeż l-ammont ta’ €300,000 fuq kwalunkwe perjodu ta’ tliet snin.

Dan il-perjodu huwa vvalutat fuq bażi kontinwa.

Dan il-limitu massimu jinkludi l-Għajnuna mill-Istat kollha mogħtija minn din l-iskema ta’ għajnuna u kull miżura oħra ta’ Għajnuna mill-Istat implimentata skont ir-Regolament *de minimis*, inkluża dik mogħtija minn kwalunkwe entità għajr il-Kunsill Malti għall-Arti. Kull għajnuna *de minimis* li taqbeż il-limitu stabbilit trid tiġi rkuprata bl-imgħax mill-impriża li tkun irċeviet l-għajnuna.

F’dan ir-rigward ser jiġu rrispettati r-regoli dwar l-akkumulazzjoni tal-għajnuna kif deskritti fl-Artikolu 5 tar-Regolament *de minimis*.

L-applikanti għandhom jissottomettu dikjarazzjoni *de minimis* illi tindika kiwalunkwe għajnuna *de minimis* oħra li jkunu rċevew jew applikaw għaliha matul it-tliet snin preċedenti. Dan jiżgura li l-ammont totali tal-għajnuna *de minimis* mogħti lil impriża waħda skont ir-regola *de minimis* ma jaqbiżx il-limitu *de minimis* fuq il-perjodu ta’ tliet snin applikabbli.

Jekk applikant magħżul ma jkunx eliġibbli biex jirċievi għajnuna *de minimis*, l-applikant jitqies bħala ineliġibbli u għaldaqstant l-għotja tingħata lill-applikant ikklassifikat warajh.

F’konformità mar-Regolament *de minimis* dwar l-Għajnuna mill-Istat, ir-rekords dwar l-għajnuna *de minimis* jinżammu tul 10 snin mid-data li fiha tkun ingħatat għajnuna minn din l-iskema.

**Pubblikazzjoni fir-Reġistru Ċentrali**

F’konformità mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament *de minimis*, mill-1 ta’ Jannar 2026, informazzjoni dwar għajnuna *de minimis* mogħtija taħt din l-iskema se tkun disponibbli pubblikament f’reġistru ċentrali.

Din l-informazzjoni se tkun pubblika:

- identifikazzjoni tal-benefiċjarju
- l-ammont tal-għajnuna
- id-data tal-għotja
- l-istrument tal-għajnuna, u
- is-settur involut abbażi tal-klassifikazzjoni tal-istatistika ta’ attivitajiet ekonomiċi fl-Unjoni (‘NACE classification’)

## 9.2 Għażla mingħajr għajnuna mill-Istat

Applikanti li ma jwettqux attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFEU jistgħu japplikaw għall-iskema. Applikazzjonijiet għal proġetti proposti li ma jagħtux lok għal attività ekonomika fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE jistgħu ukoll jitressqu għall-finanzjament.

# Teħtieġ parir?

Qabel it-tressiq tal-applikazzjonijiet, il-Kunsill Malti għall-Arti joffri servizzi ta’ konsultazzjoni biex jgħinek tiżgura l-appoġġ għall-proġett tiegħek. Aħna nkunu disponibbli matul kull pass tal-proċess. Nistgħu ngħinuk tiddeċiedi jekk il-kunċett ewlieni u l-profil tal-proġett tiegħek ikunux konformi mal-mekkaniżmu tal-appoġġ inkwistjoni u nagħtuk feedback dwar il-mod kif qed tippjana li tippreżenta l-proġett. Ippjana bil-quddiem u kellimna mill-inqas erba’ ġimgħat qabel id-data tal-iskadenza għat-tressiq tal-applikazzjoni biex b’hekk tuża s-servizzi tagħna bl-aħjar mod.

Tista’ ċċemplilna fuq 2334 7230 mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn id-09:00 u l-16:00 jew tibagħtilna email fuq fundinfo@artscouncil.mt.

**Il-Linji gwida aġġornati fis-17 ta’ Lulju 2025.**